**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SEBGHA KUNSILL 2015-2018**

**SEDUTA NUMRU 1**

**L-ERBGHA 6 TA'MEJJU 2015 FIL-5PM FL-UFFIĊĊJU AMINISTRATTIV TAL-KUNSILL**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| DR. JUSTIN FENECH | VICI SINDKU |
| ALEX CHETCUTI | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| TERESA VALENTINO | KUNSILLIER |
| MAURO MICELI | KUNSILLIER |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |

**Il-Kunsillier A. Curmi qal it-talba.**

Minhabba li l-iktar Kunsillier li ghandu esperjenza fil-hidma u fl-operat tal-Kunsill huwa l-Kunsillier A. Curmi, huwa kien mahtur sabiex jippresedi bis-Seduta.

## I HATRA TA' SINDKU U VICI SINDKU

Il-Kummissarju tal-Gustizzja ta l-guramenti tas-Sindku lis-Sur Noel Muscat u tal-Vici Sindku lil Dr. Justin Fenech.

Is- Sindku kif ukoll il-Vici Sindku qraw il-gurament kif ukoll pprezentaw l-ittra ta' accetazzjoni.

Ghaldaqstant, is-Sindku ha postu sabiex huwa jkompli jmexxi din is-Seduta.

## II DEKASTRI LILL-KUNSILLIERI

Fil-waqt li s- Sindku awgura lil dawk prezenti tas-success, u rringrazzja lill-Kunsillieri kollha talli se jiddedikaw hinhom ghal gid ta' lokalita'.

Is- Sindku ha l-inkarigu li jqassam id-dekasti lill kull kunsillier se jkun responsabli minnhom. Din il-lista se tkun anessa ma' dawn il-Minuti bhala App. A.

## III APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI U XIRI IEHOR

Giet pprezentata l-iskeda tal pagamenti nru.1, u wara li saru xi aggustamenti hekk kif mitlub fl-email tal-Kunsillier A. Curmi (mehmuz bhala App. B), il-pagamenti kollha gew approvati minn dawk prezenti. Is-Sindku ppropona u l-Kunsillier P. Fenech ssekonda.

Wara diskuzzjoni, sar aggornament ghal nhar it-Tnejn 18 ta' Mejju 2015 fil-5pm.

Is- Segretarju Ezekuttiv staqsa jekk xi hadd issibx ogezzjoni li din is-Seduta tibda' fil-5pm. Kien hemm qbil unanimu dwar dan.

Din il-laqgha spiccat fis- 8.00pm.

**HUGH ZAMMIT**
**SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

**NOEL MUSCAT**
**SINDKU**